MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 1024/2000/1

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Joseph Mary u Rita mizzewgin Fenech**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-bank attur fl-24 ta' Mejju, 2000, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi bit-termini u l-kundizzjoni imsemmija f'zewg kuntratti in atti Nutar Dottor Sandro Schembri Adami datati 4 ta' Ottubru 1997 (Dok "A" u Dok "B"), is-socjeta attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Loan u Overdraft Facilities" lill-mejjet Joseph Mario sive Josmar Borg;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-mejjet Joseph Mario sive Josmar Borg fl-ammont ta' hmistax-il elf, disa' mija u dsatax-il liri Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm15,919.39) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tal-mejjet Joseph Mario sive Josmar Borg mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C" u Dok "D1 sa D7") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi b'zewg kuntratti in atti Nutar Dottor Sandro Schembri Adami datati 4 ta' Ottubru 1997 (Dok "A" u Dok "B"), il-konvenuti Joseph Mary u Rita mizzewgin Fenech iggarantew flimkien u "in solidum" mal-mejjet Joseph Mario sive Josmar Borg, ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess Joseph Mario sive Josmar Borg mal-Bank of Valletta p.l.c.;

Illi l-konvenuti Joseph Mary u Rita mizzewgin Fenech gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 7 ta' Frar 2000 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "E", sabiex ihallsu id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti;

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija :

(1) Tikkundanna lil Joseph Mary u Rita mizzewgin Fenech jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hmistax-il elf, disa' mija u dsatax-il liri Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm15,919.39) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tal-mejjet Joseph Mario sive Josmar Borg mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C" u Dok "D1 sa D7") flimkien mal-imghax uiterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 7 ta' Frar 2000 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment kontra il-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-Bank attur;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Mary u Rita mizzewgin Fenech, li *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-Dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, u dan stante illi l-kunsens apparenti jew pretiz ta' l-eccipjenti fuq iz-zewg kuntratti in atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami ta' l-4ta' Ottubru 1997, gie karpit bi frodi tad-debitur principali Joseph Mario sive Josmar Borg, u allura l-istess zewg kuntratti u l-garanzija relattiva ta' l-eccipjenti huma nulli u bla ebda effett skond il-Ligi, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi migbura, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta’ Novembru 2002 li permezz tieghu hatret lil Joseph Gaffiero bhala espert tal-kaligrafija sabiex jezamina l-awtenticita’ tal-firem illi jidhru fuq id-dokumenti a fol. 46, 49 u 55 tal-process;

Rat ir-rapport tal-esperti tal-kaligrafija Joseph Gaffiero, minnu mahluf u ipprezentat waqt is-seduta tat-8 ta’ Jannar 2004;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi fl-affidavit tieghu a fol 42 et seq tal-process, il-konvenut Joseph Mary Fenech xehed illi Josmar Borg, li kien in-neputi ta’ martu l-konvenuta Rita Fenech, kien talbu sabiex jaghmillu garanzija mal-Bank u hu kien accetta

b’dan illi l-garanzija ma kellhiex taccedi s-somma ta’ disat elef lira Maltin (Lm9,000) ekwivalenti ghal ghoxrin elf disa mija u erba u sittin euro u sitta u tletin centezmu (€20,964.36), u ghal perjodu massimu ta’ tlett snin. Wara illi Borg mar ghand in-Nutar Sandro Schembri Adami, huwa gab ftehim li gie esebit u immarkat Dok. JMB1. Il-konvenut kompla jixhed li Josmar kien gie id-dar taghhom u gab mieghu tlett dokumenti. Ta’ fuq kienet il-karta esebita u immarkata Dok JMB1, u skond il-konvenut Josmar kien urih dawn id-dokumenti u qallu li ried jiffirma tlett kopji ta’ l-istess dokument. Meta huwa u martu marru biex jiffirmaw id-dokumenti, Josmar gholla ftit il-karta ta’ fuq u beda minn dik ta’ taht, izda meta l-konvenuti gew biex jiffirmaw il-karta li kienet fil-wicc Josmar kien qallu li ma kienx hemm bzonn il-firma ghax ta’ fuq kienet biss kopja li kien ser izommha hu. Il-konvenut kompla jixhed illi la hu u lanqas martu qatt ma resqu lejn il-Bank u lanqas ghand in-Nutar, izda wara xi sena hu kien irceva ittra minghand il-bank li kienet tghid illi id-dejn ta’ Josmar kien jaqbez is-somma ta’ hmistax il-elf lira Maltin (LM15,000) u meta il-konvenut irceva din l-ittra mar il-bank Birzebbugia fejn kellem lil branch manager Joe Frendo. Joe Frendo kien qallu li kien hemm l-inkwiet peress illi Josmar ma kienx qieghed jiddeposita flus il-bank skond il-ftehim u il-kont kien telgha ghas-somma ta’ hmistax il-elf lira Maltin (LM15,000). Il-konvenut kompla jixhed illi kien qal lill-Manager illi meta kien ftiehem illi jaghmel garanzija lil Josmar, kien dahal biss ghal piz ta’ disat elef lira Maltin (LM9,000). Ghalhekk ma setghax jifhem kif l-ammont kien telgha ghal hmistax il-elf lira Maltin (LM15,000), u is-Sur Frendo kien spjegalu li Josmar kien ottjena ukoll overdraft. Il-konvenut kompla jixhed illi dakinhar kienu solvew il-problema ghaliex il-bank kien ha xi flus li kellha l-gharusa ta’ Josmar, Romina Micallef u b’kollox hadulha elfejn lira Maltin (LM2,000). Wara li sar dan l-arrangament, il-konvenut qal illi huwa avvza lis-Sur Frendo li ried ikun avzat b’kull tibdil, jew b’kull inkwiet li setgha jinqala.

Il-konvenut kompla jixhed li fl-20 ta’ April, 1999 irceva ittra ohra fejn gie mgharraf illi Josmar ma kienx qieghed ihallas il-life policy li kellu bhala garanzija u illi apparti minn hekk

kien hemm bilanc ta' madwar elfejn lira Maltin (LM2,000) li riedu jithallsu, u fin-nuqqas l-bank kien ser jipprocedi bil-Qorti. Il-konvenut xehed li kellem lil Josmar li qallu li n-negozju ma kienx sejjer tajjeb u hu insista mieghu li ghal lanqas jaghmel pagament u li akkost ta' kollox kellu jhallas il-life policy. Ftit gimghat wara, fl-1 ta' Mejju 1999, Josmar kien instab mejjet il-Marsa u meta semgha b'dan, il-konvenut cempel lil Joe Frendo li kien qallu li l-life policy ta' Josmar kienet giet imhallsa. Il-konvenut kompla jixhed illi wara l-mewt ta' Josmar kien gie ghandu huh Fabian li tah mazz karti li gabarhom minghand missieru. Il-konvenut kompla jixhed illi beda jara l-karti u kien f'dak il-mument illi induna li Josmar kien dahlu fl-inkwiet u dana peress li kien sab kopji ta' kuntratti li huwa qatt ma kien ra, u fosthom kien hemm envelopes indirizzati wiehed lilu u iehor lil martu u wiehed lil Josmar. L-envelopes kienu ghadhom imwahhlin mal-kuntratt kien kif tahomlu n-Nutar. Il-konvenut ipprezenta kopja ta' dawn iz-zewg envelopes li gew immarkati Dok JMB 6 u JMB 7. Il-konvenut kompla jixhed li sab ukoll karti tal-bank fuq somom ta' flus li Josmar ma kienx hallas, jew ta' cekkijiet li kienu ibbouncjaw u irrabja mal-bank peress li skond il-konvenut il-bank ma kien ghamel xejn, halla lil Josmar itella d-dejn u lilu ma kien gharfu b'xejn. Il-konvenut sab ukoll ir-receipt book li fuq wara tieghu kien hemm ikkupjata il-firma tieghu u ta' martu. Kien hemm ukoll karta li kienet tghid li il-konvenut kien qieghed jaghmel tajjeb ghas-somma ta' hamest elef lira (LM5,000) ohrajn, u dan apparti id-disat elef (LM9,000) li hu kien dahal garanti ghalihom, u b'hekk huwa induna li Josmar kien iffirma karta ohra bil-firma tieghu u ta' martu biex akkwista dawn il-hamest elef lira (LM5,000) minghand il-bank. Huwa induna wkoll illi Josmar b'xi mod kien geghelhom jiffirmaw prokura sabiex ikun jista jidher f'isimhom fuq il-kuntratt. Effettivament huwa kien gabar kopja mill-bank tal-prokura li kienet intuzat biex saret il-garanzija. Huwa xehed illi huwa cert illi huwa u martu ma kienux jafu li kienu qeghdin jiffirmaw din il-prokura u ghalhekk iddeduca li meta Josmar qalilhom biex jiffirmaw il-kopji, dawn ma kienux kopji, izda kienu l-prokura.

Ikkunsidrat :

Illi xehdet il-konvenuta Rita Fenech li ikkollaborat ix-xiehda tal-konvenut. Hija xehdet illi l-ewwel kienet iffirmat hi l-karti kollha, umbaghad iffirma ir-ragel taghha, izda Josmar kien qal lil zewgha li ma kellux ghalfejn jiffirma il-karta ta’ fuq ghaliex din kienet biss kopja li kien ser izommha hu. Hija xehdet illi tahseb illi kienet iffirmat prokura meta hi kienet minghaliha li qeghda tiffirma kopji ghaliex hekk kien qalilha Josmar.

Ikkunsidrat :

Illi xehdet Romina Micallef l-ex gharusa ta’ Josmar Borg u qalet illi kienet marret ma Josmar Borg ghand in-Nutar Sandro Schembri Adami peress illi z-ziju tieghu, il-konvenut Joseph Fenech, kellu jaghmel garanzija ghall-bank sabiex Josmar ikun jista jissellef minghand il-Bank of Valletta. Hija ma ftakritx li kienet iffirmat xi dokumenti dakinhar. Hija xehdet illi kienet tat is-somma ta’ elfejn lira (LM2,000) lill-bank biex taghmel tajjeb ghad-dejn ta’ l-gharus taghha. Hija gharfet il-firma taghha fuq id-dokumenti a fol. 47 et seq tal-process u gharfet il-firma taghha a fol. 49 tal-process u xehdet illi sa fejn taf hi hija iffirmat dak id-dokument il-bank. Ix-xhud qalet illi meta marret ghand in-Nutar Schembri Adami ma Josmar kien hemm prezenti wkoll il-konvenuti u li l-konvenuti kienu marru ghand in-Nutar sabiex il-konvenuti jaghmlu garanzija sabiex Josmar Borg ikun jista jissellef flus mill-bank, izda ma ftakritx jekk dakinhar il-konvenuti effettivament kienux iffirmaw xi haga jew le u lanqas ma ftakret jekk l-istess Josmar kienx iffirma xi dokument jew le dakinhar ghand in-Nutar.

Ikkunsidrat :

Illi xehed in-Nutar Sandro Schembri Adami u meta gie muri d-dokument a fol. 50 tal-process ikkonferma li dik kienet prokura li kienet saret fit-2 ta’ Ottubru 1997 u gharaf il-firma tieghu fuq id-dokument u ra ukoll il-firem tal-konvenuti. Huwa xehed illi ma tantx jiftakar ic-cirkostanzi dwar din il-prokura, izda ikkonferma illi t-typing fuq dan id-dokument huwa tal-ufficju tieghu. Huwa

ikkonferma wkoll illi l-prokura giet iffirmata fil-prezenza tieghu u gharaf il-firma tieghu bhala x-xhud tal-firem. Huwa xehed illi l-prokura hija datata 2 ta’ Ottubru 1997 waqt illi l-kuntratti gew ippublikati fl-4 ta’ Ottubru 1997. Huwa xehed ukoll illi hadd ma gie ikellmu dwar xi kwistjoni jew problema li setgha kien hemm dwar il-prokura.

Illi l-Qorti rat il-konkluzjoni li wasal ghaliha Joseph Gaffiero, fis-sens illi il-firem li jinqraw bhala Joseph u Rita Fenech a fol. 49 u 55 tal-process m’humiex taghhom imma huma definittivament foloz.

Ikkunsidrat :

Illi meta l-konvenut xehed in kontro-ezami, huwa ikkonferma illi l-firma li tidher fuq dak id-dokument hija ta’ martu. Huwa xehed illi l-ftehim kien illi hu u martu kienu ser jaghmlu garanzija lil Josmar ghas-somma ta’ mhux aktar minn disat elef lira Maltin (LM9,000) u ghall-perjodu ta’ mhux aktar minn tlett snin. Huwa xehed illi Josmar kien gab il-karti minghand in-Nutar. Huwa qal illi kienu tlett karti fuq xulxin. Josmar kien qallu li ma kellux ghalfejn jiffirma id-dokument ta’ fuq u hu kien minghalih illi fil-karta ta’ fuq kien hemm miktub illi wara tlett snin hu u martu kienu jinhallu mill-garanzija. Il-konvenut xehed illi hu iffirma iz-zewg dokumenti li kienu taht id-dokument ta’ fuq, u dan minghajr ma qrahom. Meta gie muri d-dokument a fol. 50 tal-process, il-konvenut xehed illi dak id-dokument qatt ma kien rah b’ghajnejh, izda jahseb illi kien wiehed mid-dokumenti illi kien tah Josmar biex jiffirma. Il-konvenut in kontro-ezami, b’referenza ghall-firma li tidher fuq id-dokument a fol. 50 tal-process, xehed illi l-firma hija tieghu, izda huwa qatt ma qara d-dokument. Qabad u iffirmah ghaliex avda lil Josmar u haseb illi kienet kopja. Huwa xehed illi kien iffirma zewg dokumenti dakinhar.

Illi meta rega gie mistoqsi jekk kienx cert illi iffirma d-dokument esebit a fol. 50 tal-process, il-konvenut xehed illi huwa qieghed jassumi li iffirma dan id-dokument mhux ghaliex rah meta iffirmah, izda ghaliex kien wiehed mid-dokumenti illi kien iffirma. Huwa xehed illi dawn id-

dokumenti kien gabhom minghand il-bank manager ghaliex huwa ma kellu l-ebda dokumenti jew kopji ta' dokumenti.

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenuti qeghdin jikkontendu illi il-kunsens taghhom kien vizzjat b'qerq, liema qerq kien gej mhux minn naha tal-bank attur, izda minn neputi taghhom, id-defunt Josmar Borg.

Illi d-difiza tal-konvenuti hija ibbazata fuq l-artikolu 1212 tal-Kodici tal-Kodici Civili li jghid hekk :
"Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi wahda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, jew li l-ligi tiddikjara espressament li hu null, hu suggett ghar-rexxissjoni".

L-Artikolu 966 (b) tal-Kap. 16 ighid hekk :
"il-kunsens ta' dak illi jobbliga ruhu" huwa wiehed mir-rekwiziti essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa u dan il-kunsens jigi newtralizzat f'kaz li jkun vizzjat b'qerq.

L-Artikolu 981 tal-Kodici Civili jghid illi :
"L-eghmil doluz huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kenitx tikkuntratta."

Is-subartikolu (2) ta' l-istess Artikolu 981 jghid hekk :
"L-eghmil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat"

Illi permezz ta' sentenza deciza minn din il-Qorti fl-20 ta' Marzu, 2003 fl-ismijiet "Joseph Aquilina et kontra Alfred Ellul" gie ritenut illi :
"L-elementi tad-dolus huma ben definiti fil-gurisprundenza u fid-duttrina. Biex ikun hemm id-dolo jridu jikkonkorru erba' elementi, li huma : (a) l-intenzjoni li jqarraq da parti tal-parti l-ohra; (b) l-eghmil doluz irid ikun gravi; (c) id-dolo trid tkun determinanti biex gie iffirmat il-kuntratt; u (d) id-dolo irid ikun sehh bil-partecipazzjoni, attiva jew passiva, tal-parti l-ohra".

Illi biex il-qerq ikun gravi irid ikun tali li persuna ta' dehen ordinarju ma jaghrafx li jkun gie imqarraq, irid imur lil hinn mill-ftahir ezagerat dwar xi kwalita ta' l-oggett tan-negozju, u irid ikun tali illi li kieku ma kienx ghal dak il-qerq il-persuna ma kenitx tasal ghan-negozju in kwistjoni.  (Vide sentenza ta' din il-Qorti tal-4 ta' Frar, 1965 fl-ismijiet "Mifsud nomine  v Tanti" (Kollazzjoni, Volum XLIX.ii.722).

Illi peress illi l-ghemil doluz ma jistax jigi prezunt, il-parti li tallega illi l-kunsens taghha kien milqut mill-vizzju tal-qerq trid tipprova dan il-fatt.

Illi permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Lulju 2004 fl-ismijiet "George u Miriam konjugi Portelli kontra Ivan John Felice" gie deciz :
"Illi l-qerq ma jistax jiġi allegat meta l-fatti setgħu jiġu stabiliti bla xkiel jew diffikulta' żejda mill-parti li tallega l-qerq, għaliex f'każ bħal dan ix-xilja ta' qerq  ma tkunx għajr skuża faċli biex wieħed jaħrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun daħal għalihom mal-persuna li allegatament użat il-qerq.  Fuq kollox, għall-kuntrarju ta' dak li huwa meħtieġ meta jiġi allegat l-iżball, fil-każ tal-qerq l-effett tal-egħmil doluż ma hemmx bżonn li jaqa' fuq is-sustanza tal-oġġett tan-negozju li jkun."

Illi ghalhekk fil-kaz odjern il-konvenuti iridu jipprovaw illi Josmar Borg uza raggiri, u li kienu dawn ir-raggiri li inducewhom jikkonkludu il-kuntratti in kwistjoni.  Kif diga gie rilevat, l-eghmil doluz irid ikun gravi u determinanti b'mod li dik il-parti li sofriet l-ingann ma kienitx tasal ghal dak il-ftehim kieku ma kienx hemm dan l-ingann.  (Vide sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet "Carmelo Barbara vs Emmanuele Schembri" tas-16 ta' Gunju, 1955).

Ikkunsidrat :

Illi permezz taz-zewgt kuntratti fl-atti tan-Nutar Schembri Adami datati 4 ta' Ottubru 1997, il-konvenuti Joseph Mary u Rita Fenech iggarantew flimkien u in solidum mal-mejjet Joseph Mario sive Josmar Borg a favur il-Bank of Valletta id-debitu ta' l-istess Joseph Mario sive Josmar Borg mal-Bank of Valletta.

Illi irrizulta illi l-bank attur dahal ghall-kuntratt ta’ self lil Joseph Mario sive Josmar Borg u accetta il-garanzija ippotekarja in buona fede.

Illi min ikun akkwista in buona fede dejjem ikun kopert u il-kuntratt tieghu ma jkunx jista jigi attakkat.

Illi dan il-principju gie ribadit fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta’ Jannar 2002 fl-ismijiet Marco Bongailas vs John Magri u Carmen mart l-istess John Magri u Rosario Micallef u Bridget mart l-istess Rosario Micallef.

Illi l-konvenuti ma huma qed jallegaw l-ebda qerq da parti tal-bank attur.

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenuti jammettu illi huma iffirmaw id-dokumenti in kwistjoni u ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tikkunsidra ir-relazzjoni tal-espert tal-kaligrafija minnha mahtur, li ta’ min jghid lanqas biss ma ezamina il-firem illi jidhru fuq id-dokument esebit a fol. 50 tal-process, il-prokura illi l-konvenuti ghamlu lil Josmar Borg. Il-konvenuti jammettu li iffirmaw id-dokumenti, izda jghidu li huma gew ingannati da parti ta’ Josmar Borg illi ma qalilhomx x’kienu jikkontjenu dawn id-dokumenti.

Ikkunsidrat :

Illi kif diga intqal aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat, a tenur tas-sentenza ikkwotat George u Miriam konjugi Portelli kontra Ivan John Felice :

Il-qerq ma jistax jiġi allegat meta l-fatti setgħu jiġu stabiliti bla xkiel jew diffikulta’ żejda mill-parti li tallega l-qerq u dana peress illi f’kaz bhal dan xilja ta’ qerq ma tkunx għajr skuża faċli sabiex wieħed jaħrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun daħal għalihom.”

Illi minn ezami tal-provi prodotti, jirrizulta bl-aktar mod car u lampanti illi l-konvenuti setghu facilment qraw id-

dokumenti, anzi hekk messhom ghamlu li kieku kienu prudenti u aggixxew ta' "bonus pater familias" f'din il-materja, qabel ma iffirmaw l-istess dokumenti u b'hekk kienu jkunu konsapevoli ta' l-obbligazzjonijiet illi dahlu ghalihom.

Illi effettivament Josmar Borg ma uza l-ebda ingann fit-trattativi li kellu mal-konvenuti, ahseb u ara qerq ta' natura gravi. Kull ma ghamel Josmar Borg kien illi ipprezentalhom xi dokumenti ghall-firem u fl-ebda istanza ma qalilhom biex ma jaqrawx dawn id-dokumenti. Il-fatt illi l-konvenuti fdawh u qabdu u iffirmaw dawn id-dokumenti minghajr ma qrawhom ma ifissirx illi Josmar Borg qarraq bihom, izda ifisser biss illi l-konvenuti kienu negligenti ferm fl-agir taghhom u jistghux issa jippretendu illi ser jinhelsu mill-obbligi illi dahlu ghalihom mal-bank attur illi dejjem agixxa in buona fede.

Ikkunsidrat :

Illi kif diga intqal, min jallega id-dolo irid jippruvah u dan billi jipprova li gie ingannat, billi jipprova l-intenzjoni frawdolenti da parti tal-persuna li ingannatu, billi jipprova li gew uzati xi raggiri jew maneggi hekk gravi li ostakolawlu il-formazzjoni tal-kunsens tieghu u irid jipprova ukoll illi id-dolo irid ikun sehh bil-partecipazzjoni attiva jew passiva tal-parti l-ohra. Ghalhekk, una volta lanqas wiehed minn dawn l-erba' elementi ma gie ippruvat, id-difiza tal-konvenuti sejra tigi respinta fit-totalita taghha.

Illi, b'kuntrast, il-bank attur irnexxielu jipprova illi huwa kien ikkonceda l-loan and overdraft facilities lil Joseph Mario sive Josmar Borg u dana billi esebixxa iz-zewg kuntratti rilevanti li gew esebiti bhala Dok A u Dok B mac-citazzjoni odjerna, il-bank attur ipprova ukoll illi huwa kellu jiehu s-somma ta' hmistax-il elf disa' mija u dsatax-il lira Maltin u disgha u tletin centezmu (LM15,919.39) minghand l-imsemmi Joseph Mario sive Josmar Borg u illi b'zewg kuntratti datati 4 ta' Ottubru, 1997, esebiti Dok A u Dok B mac-citazzjoni, il-konvenuti odjerni iggarantew flimkien u in solidum mal-mejjet Joseph Mario sive Josmar

Borg a favur il-Bank of Valletta id-debiti tal-imsemmi Joseph Mario sive Josmar Borg mal-Bank of Valletta.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tirrispingi l-eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lil Joseph Mary u Rita mizzewgin Fenech ihallsu lill-Bank attur is-somma ta’ seba’ u tletin elf tnejn u tmenin euro u ghoxrin centezmu (€37,082.20), ekwivalenti ghal hmistax-il elf, disa' mija u dsatax-il liri Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm15,919.39) flimkien mal-imghax uiterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------